MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2009

Numru. 90/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CHRIS PULLICINO**

**KONTRA**

**ETIENNE BALDACCHINO ta’ 23 sena, iben Teodizio u Manuela nee’ Tonna, imwieled tal-Pieta’ nhar it-12.09.01986, residenti fil-fond 139, Triq il-Kbira, Hal-Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 415786M;**
**U MELVIN MUSCAT ta’ 23 sena, iben Moses u Doreen nee’ Cuschieri, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-20.01.1986, residenti fil-fond ‘Is-Salvatur’, Triq l-20 ta’ Jannar, Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 165286M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija ETIENNE BALDACCHINO u MELVIN MUSCAT li gew akkuzati talli:

Fil-lejl ta’ bejn it-28 u d-29 ta’ Jannar, 2005 fi Triq id-Deheb Fin, Qormi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ taw in-nar lil vettura BAR 019 tal-ghamla Seat Marbella, liema vettura giet distrutta kompletament, b’hekk il-hsara maghmula tammonta ghal iktar minn Lm500.00 u dan ghad-detriment ta’ Emanuel Pace;

U aktra talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamlu hsara permezz ta’ hruq fil-vettura DEN 112 tal-ghamla Renault Clio, liema hsara hija ta’ iktar minn Lm500.00 u dan ghad-detriment ta’ Denise Condorato;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkstanzi, volontarjamente hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamlu hsara permezz ta’ hruq fil-vettura DBE 817 tal-ghamla Peugeot 306, liema hsara hija ta’ iktar minn Lm50.00 izda mhux iktar minn Lm500.00 ghad-detriment ta’ Michael Grech.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, u l-kunsens ta’ l-imputati ghall-istess proceduri moghti fl-istadju ta’ l-interrogatorju;
Rat illi fi stadju iktar avvanzat tal-kawza, l-imputati t-tnejn irregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontriehom;

Rat illi in vista’ ta’ hekk il-Qorti laqghet it-talba li jigi redatt *Pre-Sentencing Report* fil-kaz ta’ kull imputat. Rat ghalhekk dawn iz-zewg rapporti ezebiti (anke kif sussegwentement ikkorreguti) u r-rakkomandazzjonijiet fl-istess rapport.

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet dwar il-piena.

Rat ukoll illi Etienne Baldacchino hallas kemm lil Condorato u kemm lil Grech l-ispejjez a saldu tal-hsarat lilhom ikkagunati (vide DOK EB). Semghet ukoll ix-xhieda ta' Emmanuel Pace li thallas id-dannu lilu kkagunat minghand l-insurance tieghu mhux (enfasi tal-Qorti) minghand Etienne Baldacchino nnifsu.

Ikkunsidrat:

Illi mill-ezamio ta' l-atti prodotti, b'mod partikolari mill-Pre-Sentencing Report, jirrizultalha b'mod inekwivoku li dawn id-danni ncendjari gew ikkagunati mill-vendikazzjoni li Etienne Baldacchino ried jaghmel fuq certu Emmanuel Pace – missier it-tfajla tieghu.

Illi fil-fatt kien hu li kien il-percimes ta' tali azzjonijiet viljakki, tant li ta n-nar lill-vettura ta' Pace b'konsegwenza li qabdu zewg vetturi ohra.

Illi in vista' ta' l-ammissjoni tal-ko-imputati, din il-Qorti qieghda ssib htija fil-konfront ta' kull wiehed minnhom, u dan wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena qieset anki minn dak kollu premess li l-imputati m'ghandhomx ibaghtu piena identika. Melvin Muscat gie nvolut fil-kommissjoni ta' dan ir-reat biss minhabba hbiberija li kellu ma' Baldacchino. Illi ghaldaqstant qieghda tillibera lil **Melvin Muscat** bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt(3) snin mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tqis pero li Etienne Baldacchino ghandu jbaghti piena karcerarja sospiza ta' zmien sena(1) ghal sentejn(2), u dan wara li rat l-Arikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------